# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

**2008/0003(COD)**

5.6.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-oġġetti ta’ l-ikel għal użu ta’ nutriment partikolari (Riformulazzjoni)
(COM(2008)0003 – C6-0030/2008 – 2008/0003(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Miroslav Ouzký

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Amendment 1**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Biex jiġi permess li oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-użi partikolari ta' nutriment u li jirriżultaw minn progress xjentifiku u teknoloġiku li għandu jitqiegħed fis-suq malajr kemm jista' jkun, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel ***u skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 15(2)***, tawtorizza għall-perijodu ta' sentejn it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti ta' l-ikel li ma jikkonformawx mar-regoli f'dik li hi l-komposizzjoni provduta fid-direttivi speċifiċi għall-gruppi ta' oġġetti ta' l-ikel għall-użi partikolorai ta' nutriment li għalihom jirreferi l-Anness I. | 2. Biex jiġi permess li oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-użi partikolari ta' nutriment u li jirriżultaw minn progress xjentifiku u teknoloġiku li għandu jitqiegħed fis-suq malajr kemm jista' jkun, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel, tawtorizza għall-perijodu ta' sentejn it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti ta' l-ikel li ma jikkonformawx mar-regoli f'dik li hi l-komposizzjoni provduta fid-direttivi speċifiċi għall-gruppi ta' oġġetti ta' l-ikel għall-użi partikolorai ta' nutriment li għalihom jirreferi l-Anness I. |
| | ***Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jżidu magħha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3) .*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni għandha tkun konformi mal-proċedura regolatorja bi skrutinju.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati skond*** il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** msemmija fl-Artikolu 15(4). | ***Għal raġunijiet ta' urġenza straordinarja, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza*** msemmija fl-Artikolu 15(4). |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jintuża t-test standard għall-proċedura ta' urġenza, sabiex jiġi żgurat li din il-proċedura tintuża biss f'każijiet ta' urġenza straordinarja.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Derogi għall-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu provduti ***skond il-proċedura imsemmija f'Artikolu 15(2)*** f'każi eċċezzjonali u definiti b'mod ċar. Id-derogi jistgħu jitkomplew sakemm dik il-proċedura titlesta. | Derogi għall-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu provduti f'każi eċċezzjonali u definiti b'mod ċar. ***Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jżidu magħha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3) .*** Id-derogi jistgħu jitkomplew sakemm dik il-proċedura titlesta. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni għandha tkun konformi mal-proċedura regolatorja bi skrutinju.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw | Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw |

| | |
|---|---|
| elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(4)***. | elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(3)***. ***Għal raġunijiet ta' urġenza straordinarja, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 15(4)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jintuża t-test standard għall-proċedura ta' urġenza, sabiex jiġi żgurat li din il-proċedura tintuża biss f'każijiet ta' urġenza straordinarja.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (riformulazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2008)0003 – C6-0030/2008 – 2008/0003(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | JURI |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.2.2008 |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Miroslav Ouzký<br>13.3.2008 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 5.5.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 3.6.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 55<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Liam Aylward, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Marie Anne Isler Béguin, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Peter Liese, Jules Maaten, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman, Glenis Willmott |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Inés Ayala Sender, Iles Braghetto, Bairbre de Brún, Genowefa Grabowska, Rebecca Harms, Henrik Lax, Johannes Lebech, Miroslav Mikolášik, Alojz Peterle |